**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 20 ta' Frar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Camilleri)**

**-vs-**

**Salvatore Grech, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 809655M**

Kumpilazzjoni Nru. 745/2001

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Salvatore Grech talli:

Nhar is-6 ta' Diċembru, 2001, ta' xi l-11:15am, fil-bini tal-Qorti ġewwa l-Belt Valletta:

1. Inġurja jew hedded lil Hon. Imhallef Dr. Gino Camilleri LL.D. waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li għamel id-dmirijiet tiegħu, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu inkella li jinfluwixxi fuqu kontra l-liġi fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu jew biex itellef jew inaqqas il-ġieħ tal-istess Imħallef u dan bi ksur tal-artikolu 93 (1)(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Volontarjament ħassar, għamel ġsara jew għarraq ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobli u ċjoè għamel ħsara fl-uniformi ta' Francis Xavier Ellul, liema ħsara hija ta' anqas minn Lm10 (għaxar liri Maltin) għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, u dan bi ksur tal-artikolu 325 (d) tal-Kap 9, tal-Liġijiet ta' Malta;

3. Volontarjament kiser il-paċi pubblika u l-bon ordni u dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tallum, l-imputat rregistra ammissjoni ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-

imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hu nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'Dicembru, 2001, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament preseduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum stess.

Illi l-imputat ammetta l-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-istess akkuzi kif minnu ammessi.

Illi in kwantu ghal-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li fi zmien li sehh ir-reat kienet wahda netta, tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz fosthom li l-akkuzi jirrisalu ghal sittax il-sena ilu. Ittiehed konsiderazzjoni ukoll tal-fatt li l-imputat filwaqt li tenna l-ammissjoni tieghu, wera' li kien ddispjacih ghall-ghemilu li kien sehh fi zmien meta l-imputat kien ghaddej minn zmienijiet difficli f'hajjtu.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 93, 325(d) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**